



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Sommarju tar-riżultati mill-awditu annwali tal-QEA għall-2017 li jirrigwarda l-
Impriżi Konġunti Ewropej għar-riċerka

WERREJ

	Paragrafu
Introduzzjoni	1 - 10
Informazzjoni ġenerali	1 - 2
Impriżi Konġunti għar-Riċerka – sħubiji pubbliċi-privati tal-UE mal-industrija, mal-gruppi ta' riċerka u mal-Istati Membri	3 - 5
Baġit għall-Impriżi Konġunti	6 - 7
Approċċ tal-awditjar	8 - 10
Riżultati tal-awditjar	11 - 44
Opinjonijiet favorevoli dwar l-affidabbiltà għall-JUs kollha	11
Opinjonijiet favorevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet għal sebgħa minn tmien JUs	12 - 13
Osservazzjonijiet relatati mal-kontribuzzjoni mill-UE għall-ispejjeż tal-proġett ITER	14 - 19
Kummenti oħra	20 - 43
Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti	44

Anness I – Attivitajiet, baġit u persunal tal-Impriżi Konġunti

Anness II – Koeffiċjenti ta' mobilizzazzjoni tal-Impriżi Konġunti (Orizzont 2020)

INTRODUZZJONI

Informazzjoni ġenerali

1. Aħna awditjajna u ħriġna opinjonijiet dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017, għal tmien Impriżi Konġunti Ewropej għar-riċerka (JUs):

- F4E – Żvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni;
- BBI – Industrija b'bażi Bijoloġika;
- CS – “Clean Sky” – Teknoloġiji Nodfa għat-Trasport bl-Ajru;
- IMI – Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi;
- FCH – Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu;
- SESAR – Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew;
- ECSEL – Komponenti u Sistemi elettroniċi;
- S2R - Shift2Rail Soluzzjonijiet Innovattivi għal Prodotti Ferrovarji.

2. Dan id-dokument jagħti sommarju tar-riżultati tal-awditjar li ġew ippubblikati fir-rapporti annwali speċifiċi tagħna għall-2017 dwar il-JUs u mhuwiex opinjoni jew rapport tal-awditjar separat(a).

Impriżi Konġunti għar-Riċerka – sħubiji pubbliċi-privati tal-UE mal-industrija, mal-gruppi ta' riċerka u mal-Istati Membri

3. L-Impriżi Konġunti (JUs) huma sħubiji pubbliċi-privati, li għandhom rwol importanti fl-implimentazzjoni ta' aspetti speċifiċi tal-politika tar-riċerka tal-Unjoni Ewropea (UE). Il-membri pubbliċi tal-JUs huwa l-Kummissjoni li tirrappreżenta l-UE, filwaqt li l-membri privati tal-JUs jinkludu diversi sħab pubbliċi u privati mir-raggruppamenti għall-industrija u għar-riċerka. Il-JUs kollha, ħlief l-ECSEL, isegwu mudell bipartitiku bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni u tas-sħab privati fl-industrija jew fir-riċerka. L-ECSEL issegwi mudell tripartitiku li jinkludi wkoll il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri.

4. Il-membri jagħmlu kontribuzzjonijiet għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-Impriżi Konġunti. Min-naħa waħda, il-Kummissjoni qed tipprovdi fondi mis-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (FP7) u mill-Programm Orizzont 2020. Żewġ JUs (SESAR u S2R) irċevew ukoll finanzjament mill-programm tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T). Min-naħa l-oħra, is-sħab fl-industrija u fir-riċerka jipprovdu kontribuzzjonijiet *in natura* billi jimplimentaw l-attivitajiet operazzjonali tal-JU kif ukoll kontribuzzjonijiet fi flus kontanti għall-ispejjeż amministrattivi u operazzjonali tal-Impriżi Konġunti.

5. Fil-każ ta' erba' JUs (CS, FCH, BBI u S2R), il-membri privati jridu jipprovdu wkoll ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet *in natura* għal "attivitajiet addizzjonali" li huma dawk li ma jaqgħux taħt il-programmi ta' ħidma tal-JUs iżda jikkorrispondu għall-oġettivi tagħhom. Il-QEA ma għandhiex dritt tawditja dawn il-kontribuzzjonijiet. Għalhekk, aħna la nistgħu nipprovdu opinjoni dwar *in-natura*, il-kwalità jew ir-realtà tagħhom, u lanqas ma nistgħu nivverifikaw jekk il-membri tal-industrija kinux iwettqu l-attivitajiet korrispondenti xorta waħda.

Baġit għall-Impriżi Konġunti

6. Il-baġit totali (approprjazzjonijiet ta' pagament) tal-Impriżi Konġunti fl-2017 kien ta' EUR 2,1 biljun (2016: EUR 1,8 biljun). Fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni, il-kontribuzzjonijiet totali *in natura* u fi flus kontanti mis-sħab fl-industrija u fir-riċerka kienu mistennija jilħqu ammont simili. Fi tmiem l-2017, l-Impriżi Konġunti kellhom 671 membru tal-persunal impjegati magħhom (2016: 633).

7. L-informazzjoni dwar il-qasam tal-attività, il-baġit u l-għadd tal-membri tal-persunal tal-Impriżi Konġunti tingħata fl-**Anness I**.

Approċċ tal-awditjar

8. F'konformità mal-Artikoli 208 (4) u 209 (2) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE, l-awditu tal-affidabbiltà tal-kontijiet tal-JUs kollha ġie esternalizzat lil ditti tal-awditjar indipendenti esterni. Skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar, aħna eżaminajna l-kwalità tax-xogħol li sar mid-ditti tal-awditjar esterni u ksibna aċċertament suffiċjenti li stajna noqogħdu fuq ix-

xogħol tagħhom fil-formulazzjoni tal-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-JUs għall-2017.

9. Rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, għal kull JU, l-awditu tagħna kien jinkludi ttestjar sostantiv ta' kampjuni rappreżentattivi tat-tranżazzjonijiet ta' pagament u ta' dħul, eżami analitiku tal-proċeduri amministrattivi u operazzjonali prinċipali (għotjiet, akkwist pubbliku u reklutaġġ), kif ukoll valutazzjoni tas-sistemi ta' superviżjoni u ta' kontroll intern tal-JUs. Barra minn hekk, aħna analizzajna kampjun ta' awditi *ex post* li ġew iffinalizzati mid-ditti tal-awditjar indipendenti esterni għand il-benefiċjarji ta' għotjiet taħt l-FP7 u analizzajna s-sistema ċentralizzata tal-awditjar *ex post* għal pagamenti taħt Orizzont 2020 kemm għand il-JUs kif ukoll għand is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tad-DĠ RTD. Fl-aħħar nett, aħna vverifikajna l-kompletezza tal-proċess ta' rkupru tal-JUs għall-iżbalji li nqabdu u l-korrettezza tal-kalkoli tar-rata ta' żball.

10. Għas-seba' Impriżi Konġunti li jimplimentaw is-Seba' Programm Kwadru u l-programm Orizzont 2020 (SESAR, CS, FCH, IMI, ECSEL, S2R u BBI), il-Kummissjoni kkompletat, f'Ġunju 2017, ir-rapporti tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u tal-valur miżjud tal-Impriżi Konġunti għas-Seba' Programm Kwadru (FP7) u l-programm Orizzont 2020. Aħna analizzajna r-riżultati tal-evalwazzjoni *interim* u dawk finali, kif ukoll il-pjan ta' azzjoni relatat tal-JUs.

RIŻULTATI TAL-AWDITJAR

Opinjoni favorevoli dwar l-affidabbiltà għall-JUs kollha

11. Il-kontijiet finali tal-JUs kollha ppreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2017 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom u l-flussi tal-flus tagħhom għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Finanzjarji applikabbli u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni favorevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet għal sebgħa minn tmien JUs

12. It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha għal seba' JUs (F4E, BBI, CS, IMI, FCH, SESAR u S2R).

13. Bħal fi snin preċedenti, aħna ħriġna opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Impriża Konġunta ECSEL. Il-varjazzjonijiet sinifikanti fil-metodoloġiji u fil-proċeduri użati mill-awtoritajiet nazzjonali ta' finanzjament (NFAs) ma jippermettux lill-ECSEL tikkalkula rata unika ta' żball ipponderata u affidabbli jew rata tal-iżball residwu. Għaldaqstant, aħna ma konniex f'pożizzjoni li nikkonkludu jekk l-awditi *ex post* jipprovdux aċċertament suffiċjenti dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti *interim* u finali għall-proġetti taħt l-FP7 li huma mmaniġġjati mill-JU. Din il-problema mhijiex rilevanti għall-implimentazzjoni tal-proġetti taħt il-programm Orizzont 2020, peress li s-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni huwa responsabbli għall-awditi *ex post*.

Osservazzjonijiet relatati mal-kontribuzzjoni mill-UE għall-ispejjeż tal-proġett ITER

14. Bħal fl-2016, l-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta F4E kienet akkumpanjata minn osservazzjoni¹ relatata mal-kontribuzzjoni mill-UE għall-ispejjeż tal-proġett ITER.

15. F'Novembru 2016, il-Kunsill tal-ITER approva skeda ġdida u stima tal-ispejjeż għall-proġett ITER, fejn stabbilixxa Diċembru 2025 bħala d-data ta' skadenza għall-ilħuq tal-ewwel stadju importanti strateġiku tal-fażi ta' kostruzzjoni ("L-Ewwel Plażma"), u Diċembru 2035 bħala d-data stmata għall-ikkompletar tal-fażi ta' kostruzzjoni kollha, li tirrappreżenta dewmien ta' 15-il sena meta mqabbel mal-ippjanar oriġinali.

¹ Osservazzjoni tintuża biex tinġibed l-attenzjoni għal kwistjoni li ma tkunx ġiet materjalment iddikjarata b'mod skorrett fil-kontijiet, iżda li tkun ta' tant importanza li tkun fundamentali biex l-utenti jifhmu l-kontijiet.

16. Ibbażat fuq il-linja bażi l-ġdida tal-proġett, l-Impriża Konġunta F4E kkalkulat mill-ġdid l-ispiża relatata fl-ikkompletar tal-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett ITER. Ir-riżultati ġew ippreżentati lill-Bord Governattiv tal-Impriża Konġunta f'Diċembru 2016, u ġie stmat li kienu se jkunu meħtieġa madwar EUR 5,4 biljun f'finanzjament addizzjonali mill-UE għall-fażi ta' kostruzzjoni wara l-2020 (żieda ta' 82 % fuq l-ammont ta' EUR 6,6 biljun li kien ġie approvat preċedentement).

17. Barra minn hekk, l-Impriża Konġunta F4E trid tikkontribwixxi wkoll għall-fażi operazzjonali tal-proġett ITER wara l-2035, kif ukoll għall-fażijiet sussegwenti ta' diżattivazzjoni u dekommissjonar. Il-kontribuzzjoni kumplessiva għall-fażi operazzjonali wara l-2035 għadha ma ġietx stmata. L-ispejjeż ta' diżattivazzjoni u ta' dekommissjonar ġew stmati f'ammont ta' EUR 95,5 miljun u EUR 180,02 miljun (f'valuri tal-2001).

18. Aħna osservajna li l-istimi l-ġodda taż-żmien u tal-ispejjeż ma jinkludux kontinġenzi. F'Ġunju 2017, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni dwar il-kontribuzzjoni mill-UE għall-proġett ITER, fejn issuġġeriet li jkun xieraq li tiżdied kontinġenza li tlaħħaq sa 24 xahar fir-rigward tal-iskeda ta' żmien u 10-20 % fir-rigward tal-baġit. Sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill tal-UE, l-ammont ta' EUR 6,6 biljun li diġà ġie adottat mill-Kunsill tal-UE fl-2010 iservi bħala limitu massimu għall-infiq tal-JUs sal-2020. L-F4E ħadet bosta miżuri biex tirsipetta dan is-soll, inklużi l-posponiment tal-akkwist pubbliku u l-installazzjoni ta' komponenti li mhumiex essenzjali għall-Ewwel Plasma.

19. Aħna nqisu li, filwaqt li ttieħdu passi pożittivi biex isir titjib fil-ġestjoni u l-kontroll tal-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett ITER, għad hemm ir-riskju ta' aktar żidiet fl-ispejjeż u aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett.

Kummenti oħra

20. Mingħajr ma nixħtu dubju fuq l-opinjoniġiet tagħna, aħna fformulajna diversi kummenti fir-rapport annwali speċifiċi tagħna dwar il-JUs, sabiex niġbdu l-attenzjoni għal kwistjonijiet ta' importanza u nindikaw oqsma fejn jista' jsir titjib f'dak li jirrigwarda l-ġestjoni baġitarja u finanzjarja, il-kontrolli interni, il-mobilizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet, u l-evalwazzjonijiet li jsiru mill-Kummissjoni.

Nuqqasijiet fl-ippjanar tal-baġit għall-appropriazzjonijiet ta' pagament

21. L-F4E kellha żżid b'mod sinifikanti l-appropriazzjonijiet ta' pagament li kienu ppjanati għall-2017 fil-baġit inizjali (b'madwar EUR 284 miljun jew 52 %) biex tkopri l-ħtiġijiet ta' pagament reali tagħha fl-2017. Din is-sitwazzjoni kienet dovuta għal nuqqasijiet serji fil-proċess ta' ppjanar tal-baġit tal-JU u affettwat il-baġit tal-JU għall-2018.

22. F'żewġ każijiet (SESAR, IMI), ir-rata ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament fl-2017 kienet sinifikattivament aktar baxxa milli mistenni. Għas-SESAR dan kien prinċipalment dovut għal dewmien fil-konklużjoni ta' ftehimiet ta' għotja taħt Orizzont 2020 u n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni ta' dħul importanti assenjat li kien ġej minn irkupri għal proġetti magħluqa taħt l-FP7. Għall-IMI, ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni tal-baġit kienet prinċipalment marbuta ma' tnaqqis u posponiment ta' provi kliniċi fi ħdan ċerti proġetti kbar, kif ukoll għal dewmien fil-konklużjoni ta' ftehimiet ta' għotja għal sejħiet magħluqa taħt Orizzont 2020. Il-fatt li l-JUs jistgħu jerġgħu jdaħħlu appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati minn snin preċedenti fil-baġit tat-tliet suċċessivi, flimkien ma' proċess tqil ta' ppjanar tal-baġit, għandu impatt dejjem aktar negattiv fuq ir-rati ta' implimentazzjoni baġitarja tal-JUs għall-pagamenti.

Għeluq tal-programm FP7: il-JUs kisbu livell medju ta' implimentazzjoni ta' 87 %

23. Aħna rrapportajna dwar l-implimentazzjoni baġitarja pluriennali tal-JUs taħt il-programmi FP7 u TEN-T (SESAR, CS, IMI, FCH, ECSEL).

24. Rigward il-ħames JUs li jimplementaw attivitajiet taħt l-FP7 (SESAR, CS, IMI, FCH, ECSEL), fi tmiem l-2017 (il-fażi tal-għeluq tal-programm FP7), l-UE kienet tat total ta' EUR 3,1 biljun f'kontribuzzjonijiet effettivi fi flus kontanti mill-ammont massimu ta' EUR 3,6 biljun f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti maqbula. Dan juri li dawn il-JUs kienu kisbu livell medju ta' implimentazzjoni għall-attivitajiet tagħhom taħt l-FP7 ta' madwar 87 %.

F'nofs il-programm Orizzont 2020: il-JUs esperjenzaw dewmien fl-implimentazzjoni

25. Aħna rrapportajna dwar l-implimentazzjoni baġitarja pluriennali tal-JUs taħt il-programm Orizzont 2020.

26. Rigward is-seba' JUs li jimplimentaw attivitajiet taħt Orizzont 2020 (SESAR, CS, IMI, FCH, ECSEL, BBI, S2R), fi tmiem l-2017 (nofs it-terminu tal-programm Orizzont 2020), l-UE kienet effettivament ikkontribwiet, lill-JUs kollha li jimplimentaw il-programm Orizzont 2020, EUR 1,6 biljun mill-ammont massimu totali ta' EUR 7,2 biljun fi flus kontanti maqbula. Dan juri li dawn il-JUs attwalment kisbu livell medju ta' implimentazzjoni għall-attivitajiet tagħhom taħt Orizzont 2020 ta' madwar 23 %. Il-livell attwali ta' implimentazzjoni għall-attivitajiet taħt Orizzont 2020 kien aktar baxx għall-IMI (11 %), prinċipalment minħabba ż-żmien twil meħtieġ mill-konsorzji ta' proġetti biex jinkludu ftehimiet ta' għotja taħt Orizzont 2020, kif ukoll għall-BBI (15 %).

Kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali li ma jaqgħux taħt il-programm ta' ħidma tal-JUs irrappreżentaw l-akbar parti tal-kontribuzzjonijiet minn membri privati

27. Sa tmiem l-2017, is-sħab fl-industrija u fir-riċerka tas-seba' JUs li jimplimentaw attivitajiet taħt Orizzont 2020 kienu effettivament ikkontribwew EUR 2,9 biljun jew 39 % tal-kontribuzzjonijiet totali maqbula ta' EUR 7,5 biljun. Dan l-ammont jikkonsisti minn EUR 1 biljun² f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali proprji tal-JUs taħt Orizzont 2020 (34 %) u minn EUR 1,9 biljun f'kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali li ma jaqgħux taħt il-programm ta' ħidma tal-JUs (66 %). Madankollu, minkejja l-importanza tagħhom, mhumiex obbligati li jiddivulgaw il-kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali fil-kontijiet annwali, u aħna ma għandniex mandat biex nawditjawhom. B'konsegwenza ta' dan, ma nistgħux nipprovdu opinjoni dwar in-natura, il-kwalità u l-kwantità tagħhom (CS, FCH, BBI, S2R).

28. Rigward il-BBI, fi Frar 2017, il-Kummissjoni pproponiet emenda tar-Regolament fundatur tal-BBI bil-ħsieb li l-membri tal-industrija jkunu jistgħu jipprovdu wkoll il-kontribuzzjonijiet tagħhom fi flus kontanti fil-livell tal-proġetti. Madankollu, hemm riskju kbir li l-membri tal-industrija ma jiksbox l-ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet operazzjonali fi flus kontanti (EUR 182,5 miljun) qabel tmiem il-programm.

² Minn dan l-ammont, madwar EUR 0,2 biljun biss (20 %) kienu ġew iċċertifikati fi tmiem l-2017.

29. Aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni baġitarja pluriennali tista' tinstab fir-Rapport Annwali tal-Attività 2017 tal-JUs.

Il-kontrolli interni għal pagamenti kienu ġeneralment effettivi u żammew ir-rati ta' żball taħt il-livell ta' materjalità

30. L-Impriżi Konġunti stabbilew proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali. Għal pagamenti *interim* u finali taħt l-FP7, ditti tal-awditjar indipendenti esterni, ikkuntrattati mill-JUs, iwettqu awditi *ex post* għand il-benefiċjarji, filwaqt li għal klejms għall-ispejjeż taħt Orizzont 2020, il-CAS tal-Kummissjoni huwa responsabbli għall-awditi *ex post* li jsiru għand il-benefiċjarji. Il-JUs kollha użaw dawn il-kontrolli ewlenin b'mod effettiv biex jivvalutaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' pagament ta' bażi.

31. Għall-pagamenti ta' għotja taħt l-FP7, l-Impriżi Konġunti kollha (għajr l-ECSEL) ikkalkulaw u rrapportaw rati tal-iżball residwu taħt 2 %, ibbażata fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* fi tmiem l-2017. Dan kien ikkonfermat mill-ittestjar sostantiv u mill-eżaminar proprju tagħna li wettaqna tax-xogħol tad-ditti tal-awditjar esterni.

32. Għall-pagamenti ta' għotja taħt Orizzont 2020, tlieta biss minn seba' JUs li jimplimentaw proġetti taħt Orizzont 2020 (CS, IMI, u SESAR) setgħu jikkalkulaw u jirrapportaw rata ta' żball ibbażat fuq awditi *ex post* suffiċjenti li ġew ikkompletati mill-CAS. Għas-SESAR, ir-rata tal-iżball residwu għall-pagamenti taħt Orizzont 2020 kienet 2,8 %. Madankollu, b'kont meħud tal-ammont pjuttost baxx ta' pagamenti totali taħt Orizzont 2020 meta mqabbel mal-ammont totali ta' pagamenti li saru mis-SESAR fl-2017, ir-rata kumplessiva tal-iżball residwu baqgħet taħt il-livell ta' materjalità.

33. Il-JUs l-oħra (FCH, ECSEL, S2R, BBI) se jkollhom ir-riżultati tal-ewwel awditjar *ex post* fl-2018, billi fl-2017, il-proġetti tagħhom taħt Orizzont 2020 kienu għadhom f'fażi bikrija ta' implimentazzjoni u l-pagamenti operazzjonali tagħhom taħt Orizzont 2020 li saru fl-2017 kienu prinċipalment prefinanzjamenti.

Għad hemm dgħufijiet fil-qafas ta' kontroll intern u ta' monitoraġġ, kif ukoll fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku, ta' għotjiet u ta' reklutaġġ

34. Fi tmiem l-2017, kienu għadhom ma ġewx ipprovduti l-iżviluppi speċifiċi meħtieġa fl-għodod komuni tal-Kummissjoni għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-għotjiet, taħt il-programm Orizzont 2020, biex dawn ikunu jistgħu jipproċessaw il-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-JUs. Dan affettwa l-qafas ta' kontroll intern u ta' monitoraġġ ta' erba' JUs (CS, IMI, SESAR, S2R).

35. FI-ECSEL, SESAR, u F4E nstabu bosta nuqqasijiet fl-applikazzjoni tal-istandards ta' kontroll intern. FI-ECSEL, ir-reġistru tal-eċċezzjonijiet ma nżammx kif suppost. Fis-SESAR, it-tluq ta' membri ewlenin tal-persunal u l-ammont akbar ta' xogħol li dan sussegwentement ikkawża fid-dipartiment tal-finanzi ġġeneraw nuqqasijiet fil-kontroll finanzjarju. FI-F4E nstabu nuqqasijiet sinifikanti fil-proċeduri ta' kontroll intern u ta' monitoraġġ relatati mar-reklutaġġ ta' membru ewlieni tal-persunal fil-maniġment, is-segwitu tad-dikjarazzjonijiet ta' interess mill-maniġment, kif ukoll l-istrategji interni ta' komunikazzjoni, li minħabba fihom ma setgħetx tiġi żgurata d-disseminazzjoni ta' informazzjoni finanzjarja xierqa rilevanti għall-kontijiet annwali.

36. Għal tliet JUs (ECSEL, S2R, SESAR) instabu xi nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-proċeduri ta' akkwist tal-2017.

37. Għall-BBI nstabu xi dgħufijiet fit-tfassil u l-ġestjoni tas-sejħa għal proposti għal għotjiet tal-2016, li rriżultaw f'kopertura baxxa (50 %) għas-suġġetti tas-sejħiet fil-qasam tal-azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni (RIA). Suġġetti importanti tar-RIA baqgħu ma rċevewx finanzjament.

Il-kapaċità tal-JUs li jimmobilizzaw kontribuzzjonijiet minn membri privati fil-qafas ta' Orizzont 2020

38. Wieħed mill-oġġettivi prinċipali u valur miżjud ta' kull JU huwa li timmobilizza l-kontribuzzjonijiet li jsiru mill-membri privati tal-industrija u tar-riċerka fil-qasam tal-attivitajiet tagħha matul iċ-ċiklu ta' ħajja tagħha (10 snin). Bħala indikatur għall-kapaċità ta' JU li timmobilizza kontribuzzjonijiet minn membri privati, aħna użajna l-koeffiċjent minimu ta' mobilizzazzjoni kkalkulat fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet mill-membri, kif definit fid-

dispożizzjonijiet rispettivi tar-Regolament fundatur tal-JU³. Għal livell raġonevoli ta' mobilizzazzjoni, il-kontribuzzjonijiet minimi mill-membri privati għall-attivitajiet tal-JU jridu minn tal-inqas ikunu daqs il-kontribuzzjoni mill-UE fi flus kontanti.

39. L-**Anness II** jagħti stampa ġenerali tal-koeffiċjenti minimi ta' mobilizzazzjoni għas-seba' JUs li jimplimentaw l-attivitajiet taħt Orizzont 2020. Fil-każ ta' tliet JUs (CS, FCH, BBI) ir-Regolament fundatur ma jobbligax lill-membri privati biex jagħmlu ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali tal-JU. B'konsegwenza, għal dawn il-JUs ġie kkalkulat biss koeffiċjent minimu ta' mobilizzazzjoni wieħed li jinkludi ż-żewġ kontribuzzjonijiet għal attivitajiet operazzjonali u dawk addizzjonali.

L-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-pjanijiet ta' azzjoni relatati tal-JUs

40. Fl-2017, il-Kummissjoni kkompletat l-evalwazzjonijiet statutorji finali tal-JUs stabbiliti taħt il-programm FP7 (SESAR, IMI, FCH, CS, ARTEMIS u ENIAC) u l-evalwazzjonijiet statutorji *interim* tal-JUs stabbiliti taħt Orizzont 2020 (SESAR, IMI2, CS2, FCH2, ECSEL, S2R, BBI).

41. L-evalwazzjonijiet twettqu bl-assistenza ta' esperti indipendenti u koprew il-prestazzjoni tagħhom f'termini ta' rilevanza, effiċjenza, effettività, koerenza, u valur miżjud tal-UE, filwaqt li ttieħdu wkoll inkunsiderazzjoni t-trasparenza u l-kwalità tar-riċerka.

42. F'Ottubru 2017, il-Kummissjoni infurmat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni. Filwaqt li, b'mod ġenerali, l-evalwaturi qiesu li l-prestazzjoni tal-JUs kienet pożittiva, huma rrakkomandaw: li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-industrija, l-Istati Membri, l-SMEs u partijiet ikkonċernati oħra; li titjieb il-koordinazzjoni mal-Programmi l-oħra ta' Riċerka fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE; li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri l-ġodda; li jkompli jiġi żviluppat Qafas għall-Kejl tal-Prestazzjoni kompatibbli mal-obbligu ta' rendikont b'indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex issir valutazzjoni aħjar tal-impatti u l-

³ Koeffiċjent minimu ta' mobilizzazzjoni = total tal-kontribuzzjonijiet minimi mill-membri privati, kif definit fir-Regolament fundatur tal-JU / kontribuzzjoni massima mill-UE fi flus kontanti lill-JU, kif definit fir-Regolament fundatur tal-JU

benefiċċji soċjoekonomiċi tal-JUs; li jsir titjib fid-disseminazzjoni u l-isfruttament tar-riżultati tal-proġetti tal-JUs.

43. B'rispons, kull JU ħejjiet pjan ta' azzjoni u bdiet timplimentah fl-2018. Matul l-awditu finanzjarju 2018 tagħha, il-QEA se tiżgura li jsir segwitu tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni tal-JUs.

Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

44. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-JUs ħadu azzjonijiet korrettivi biex isegwu l-kummenti li saru fir-rapporti annwali speċifiċi tagħna tas-snin preċedenti. Id-dettalji jistgħu jinstabu fl-annessi għar-rapporti tagħna. L-implimentazzjoni tal-kummenti mis-snin preċedenti għadha għaddejja fl-ECSEL u fl-F4E.

Anness I**Attivitajiet, baġit u persunal tal-Impriża Konġunta**

IMPRIŻA KONĠUNTA				Baġit Finali (miljun EUR)		Membri tal-persunal (impjegati fi tmiem is- sena)	
	DĠ Prinċipali	Qasam ta' Politika	Attività Prinċipali	2017	2016	2017	2016
BBI	DĠ RTD	Riċerka	Riċerka u żvilupp fil-qasam ta' bijoprodotti u bijokarburanti	92	66	20	20
CLEAN SKY	DĠ RTD	Riċerka	Riċerka u żvilupp fil-qasam ta' teknoloġiji ajrunawtiċi	244	288	41	41
ECSEL	DĠ CONNECT	Riċerka	Riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' komponenti u sistemi elettroniċi	290	244	29	29
F4E - FUŻJONI GĦALL-ENERĠIJA	DĠ ENER	Riċerka	Riċerka u żvilupp fil-qasam tal-enerġija minn fużjoni nukleari	865	720	447	415
FCH - ĊELLOLI TAL-FJUWIL U L- IDROĠENU	DĠ RTD	Riċerka	Riċerka u żvilupp fil-qasam ta' ċelloli tal-fjuwil u idroġenu	199	116	26	26
IMI - INIZJATTIVA DWAR MEDIĊINI INNOVATTIVI	DĠ RTD	Riċerka	Riċerka u żvilupp farmaċewtiċi fil-qasam ta' mediċini innovattivi	206	209	49	41
SESAR	DĠ MOVE	Riċerka	Riċerka u żvilupp fil-qasam tas-sistema ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru	192	157	40	44
S2R - SHIFT2RAIL	DĠ MOVE	Riċerka	Riċerka u żvilupp fil-qasam tas-settur ferrovjarju	44	52	19	17
Total				2 131	1 852	671	633

Anness II**Koeffiċjenti ta' mobilizzazzjoni tal-Impriżi Konġunti (Orizzont 2020)**

IMPRIŻA KONĠUNTA	DĠ Prinċipali	Qasam ta' Politika	Attività Prinċipali	Koeffiċjent ta' mobilizzazzjoni għal attivitajiet operazzjonali	Koeffiċjent ta' mobilizzazzjoni għal attivitajiet operazzjonali u dawk addizzjonali
BBI	DĠ RTD	Riċerka	Riċerka u żvilupp fil-qasam ta' bijoprodotti u bijokarburanti	-	2,8
CLEAN SKY	DĠ RTD	Riċerka	Riċerka u żvilupp fil-qasam ta' teknoloġiji ajrunawtiċi	-	1,25
ECSEL	DĠ CONNECT	Riċerka	Riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' komponenti u sistemi elettroniċi	1,42	1,42
FCH - ĊELLOLI TAL-FJUWIL U L-IDROĠENU	DĠ RTD	Riċerka	Riċerka u żvilupp fil-qasam ta' ċelloli tal-fjuwil u idroġenu	-	0,67
IMI - INIZJATTIVA DWAR MEDIĊINI INNOVATTIVI	DĠ RTD	Riċerka	Riċerka u żvilupp farmaċewtiċi fil-qasam ta' mediċini innovattivi	1	1
SESAR	DĠ MOVE	Riċerka	Riċerka u żvilupp fil-qasam tas-sistema ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru	0,85	0,85
S2R - SHIFT2RAIL	DĠ MOVE	Riċerka	Riċerka u żvilupp fil-qasam tas-settur ferrovjarju	0,88	1,18